# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.24

## ĦTIĠIET DWAR IR-REKLAMI, METODI TA’ REKLAMAR U DIRETTIVI DWAR REKLAMAR, *SPONSORSHIP* U *TELESHOPPING* TA’ XORB ALKOĦOLIKU

22 ta’ Marzu, 2007

*L-AVVIŻ LEGALI 267 ta’ l-2007.*

It-titolu ta’ dawn l-ħtiġiet huwa Ħtiġiet dwar ir-Reklami, Metodi ta’ Reklamar u Direttivi dwar Reklamar, *Sponsorship* u *Teleshopping* ta’ Xorb Alkoħoliku. Titolu.

**1.** Applikazzjoni ta’ dawn il-Ħtiġiet dwar ir-Reklami, il-Metodi ta’ Reklamar u d-Direttivi

1.1 Dawn il-Ħtiġiet dwar ir-Reklami, il-Metodi ta’ Reklamar u d-Direttivi għandhom jinqraw flimkien mal-paragrafu 19 tat-Tielet Skeda għall-Att dwar ix-Xandir (Kap. 350 tal-Liġijiet ta’ Malta), u għandhom japplikaw għar-reklamar ta’ xorb alkoħoliku u għat-*teleshopping* ta’ xorb alkoħoliku. Il-wiri b’mod inċidentali ta’ konsum ta’ alkoħol f’reklami jew f’*teleshopping* għal prodotti u servizzi oħra għandu dejjem jiġi kkunsidrat sabiex jiġi żgurat li dan ma jmurx kontra l-ispirtu ta’ dawn il-Ħtiġiet dwar ir-Reklami, il-Metodi ta’ Reklamar u d-Direttivi.

1.2 Dawn il-Ħtiġiet dwar ir-Reklami, il-Metodi ta’ Reklamar u d-Direttivi saru mill-Awtorità tax-Xandir bis-saħħa ta’ l-artikolu 19(3) u (5) ta’ l-Att dwar ix-Xandir, Kapitlu 350 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**2.** Tqassim ta’ reklamar u *teleshopping* għal alkoħol

2.1 Reklamar għal u *teleshopping* ta’ xorb alkoħoliku m’għandux jixxandar bejn is-6.00 ta’ filgħodu u d-9.00 ta’ filgħaxija.

2.2 M’għandux jintuża f’programm sponsorjat l-isem ta’ xorb alkoħoliku bħala l-isem tal-isponser bejn is-6.00 ta’ filgħodu u d-9.00 ta’ filgħaxija.

2.3 M’għandux jintuża l-isem tal-prodott alkoħoliku f’attività sponsorjata bejn is-6.00 ta’ filgħodu u d-9.00 ta’ filgħaxija.

**3.** Protezzjoni taż-żgħażagħ

3.1 Reklamar għal u *teleshopping* ta’ xorb alkoħoliku m’għandux ikun indirizzat lejn persuni ta’ taħt it-18-il sena jew juża trattamenti li jkun jappella partikolarment għalihom.

3.2 Reklamar għal jew *sponsorship* ta’ xorb alkoħoliku m’għandux ikollu fih xi personalità li l-persuni ta’ taħt it-18-il sena x’aktarx isegwu jew li jappella partikolarment għal persuni ta’ taħt it-18-il sena.

3.3 Tfal m’għandhomx jintwerew jew jinstemgħu f’reklamar għal u *sponsorship* ta’ xorb alkoħoliku.

**4.** Trattamenti inaċċettabbli

4.1 Ir-reklamar u t-*teleshopping* m'għandux jimplika b'mod ovvju illi x-xorb huwa essenzjali għas-suċċess soċjali jew għal aċċettazzjoni jew li rifjut li tixrob huwa sinjal ta' djugħfija. Lanqas m'għandu jimplika b'mod ovvju li r-riżultat favorevoli ta' okkażjoni soċjali jiddependi fuq il-konsum tal-alkoħol.

4.2 Ir-reklamar u t-*teleshopping* m'għandux jissuġġerixxi illi xorb regolari solitarju huwa aċċettabbli jew li x-xorb huwa mezz biex isolvi problemi personali.

4.3 Ir-reklamar u t-*teleshopping* m'għandux jimplika li x-xorb huwa parti essenzjali mir-rutina ta' kuljum jew li jista' jġib bdil fil-burdata.

4.4 Ir-reklamar u t-*teleshopping* m'għandux jissuġġerixxi jew jimplika li x-xorb huwa ingredjent essenzjali ta' maskulinità jew ta' femminilità. Referenzi għal kuraġġ, *toughness* jew fanfarunata b'assoċjazzjoni għax-xorb mhumiex aċċettabbli.

4.5 Ix-xorb alkoħoliku m'għandux jiġi reklamat jew imfisser fit-*teleshopping* fil-kuntest ta' kondotta aggressiva, anti-soċjali u irresponsabbli.

4.6 Ir-reklamar u t-*teleshopping* m'għandux juri jew jimplika b'kull mod konsum eċċessiv.

4.7 Ir-reklamar u t-*teleshopping* m'għandux juri x-xorb bħala terapewtiku, jew bħala stimulant, sedattiv, trankwillant jew sors ta' nutrizzjoni. Filwaqt li r-reklami jew it-*teleshopping* jistgħu jirreferu għal *refreshement* wara attività fiżika, m'għandhomx jagħtu l-impressjoni li l-prestazzjoni tista' tiġi mtejba minħabba fix-xorb.

4.8 Ir-reklami u t-*teleshopping* m'għandhomx jissuġġerixxu li x-xorb huwa preferibbli minħabba fil-kontenut alkoħoliku għoli jew minħabba fl-effett ta' sokor u m'għandux ipoġġi enfasi żejda fuq is-saħħa alkoħolika.

**5.** Sigurtà

5.1 Xejn f'reklam jew f'*teleshopping* m'għandu jippromwovi x-xorb waqt is-sewqan jew waqt li jkun qed jintuża makkinarju li potenzjalment ikun perikoluż.

5.2 Xorb alkoħoliku m'għandux jintwera qed jiġi kunsmat f'ambjent ta' post tax-xogħol.

**6.** Offerti *cut-prize*, eċċ.

6.1 Referenzi għal *cut-prize drinks*, *happy hour drinks*, ixtri tnejn u tingħata wieħed b'xejn, *money-off coupons* u reklami simili jew referenzi f'*teleshopping* li jinkoraġġixxu l-konsum eċċessiv jew immoderat huwa inaċċettabbli. Il-bejjiegħa ta' xorb alkoħoliku jistgħu madankollu jirreferu għal tnaqqis fil-prezzijiet għall-i*stock* tagħhom.

**7.** Umoriżmu

7.1 Ir-reklamar u t-*teleshopping* jista' jkun umoristiku iżda

mhux biex jaħrab mill-intenzjoni ta' dawn il-ħtiġiet.

**8.** Meta ma japplikawx dawn il-Ħtiġiet dwar ir-Reklami, il-Metodi ta' Reklamar u d-Direttivi

8.1 Dawn il-Ħtiġiet dwar ir-Reklami, il-Metodi ta' Reklamar u d-Direttivi m'għandhomx japplikaw għal kull reklam jew kampanja promozzjonali li jsiru biex jipperswadu lill-pubbliku li jieqaf milli jixrob b'mod eċċessiv jew immoderat.